Dinja Waħda



# Teżori tan-Natura



Il-ballottra tissejjaħ karnivoru għax tiekol il-laħam ta' annimali li taqbad. L-ikel favorit tagħha huma l-ġrieden.

Il-ballottra mhux faċli taraha għax hija żgħira u mgerrxa ħafna min-nies.

Il-Qabru jgħix f'widien fejn hemm nixxigħat tal-ilma ħelu. F'Malta ma tantx għandna nixxigħat, għalhekk dan il-granċ huwa rari ħafna f'pajjiżna.

Il-Qabru Malti huwa razza differenti minn razez oħrajn.

Il-Farfett tal-Fejġel huwa farfett kbir u sabiħ. Ir-razza Maltija hija differenti minn razez oħrajn.

Minbarra Farfett tal-Fejġel, jgħidulu wkoll Farfett tal-Bużbież, Farfett tar-Reġina u Farfett tal-Lira.


Dinja Waħda
IL-gremxula tgħix fil-kampanja u hija komuni anke fil-ġonna tagħna. Hija tiekol insetti żgħar.
Il-gremxula ta' Malta hija endemika, jiġifieri tinsab biss f'pajjiżna u mkien iktar fid-dinja.



Iż-żrinġ huwa amfibju. L-amfibji huma annimali li kapaċi jieħdu n-nifs taħt l-ilma u anke barra mill-ilma.

Iż-żrinġ jgħix f'postijiet fejn jgħaddi jew jinġabar l-ilma ħelu, bħal widien u ġwiebi.



Is-Sempreviva ta' Għawdex tikber biss f'pajjiżna u mkien iktar fid-dinja. Hija rari u tinsab biss f'Għawdex.

Din il-pjanta tikber fix-xagħri ħdejn il-baħar u tiftaħ il-fjuri fir-rebbiegħa.

Widnet il-Baħar tikber f'Malta biss u mkien iktar fid-dinja. Hija l-fjura nazzjonali ta' Malta.

Tikber mal-irdumijiet u tagħmel fjuri roża fir-rebbiegħa u fis-sajf.



L-orkida piramidali ta' Malta tikber f'pajjiżna biss u mkien iktar fid-dinja.

Din il-pjanta tikber fix-xagħri u tiftaħ il-fjuri fi Frar u f'Marzu.



Il-merill huwa l-għasfur nazzjonali ta' Malta.

Il-merilli jbejtu f'ħofor fl-irdumijiet, u raġel ikun blu u iswed.



Iċ-ċiefa hija tajra tal-baħar li tbejjet mal-irdumijiet.

F'Malta jbejtu xi ħamest elef par ta' ċief, u bil-lejl iħobbu jagħjtu waqt li jtiru!

© BirdLife Malta

**ritratti** Guido Bonett, Denis Cachia, Chris Cachia Zammit, Alex Casha, Desirée Falzon, Victor Falzon, Raymond Galea, Joe Sultana, Aron Tanti